MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT MANGION

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 54/2012

**A B**
**vs**
**C sive D E; D F; Direttur tar-Registru Pubbliku u G sive H Bli b' digriet tad-9 ta' April giet mahtura kuratrici deputata sabiex tirraprezenta lil minuri I E B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici wara li ppremettiet:-

Illi r-rikorrenti zzewget lill-intimat C sive D E fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) u minn liema zwieg twieldu zewgt itfal jisimhom Analyse u Nejla li ghandhom erbatax (14) u disa' (9) snin rispettivament;

Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru 2011 fl-atti tan-Nutar

Elena Farrugia liema kuntratt huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok. AB 1;

Illi r-rikorrenti, qabel ma ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni mal-intimat C sive D E, kellha u ghad ghandha relazzjoni stabbli ma' l-intimat D F;

Illi minn tali relazzjoni ma' D F hija kellha tifla bl-isem ta' I E Bli twieldet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar 2012 u cioe' ftit xhur wara li gie ffirmat u ppublikat l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni;

Illi l-intimat C sive D E gie mnizzel qua l-missier naturali tal-minuri I BE u dana kif jirrizulta mill-att tat-twelid ta' l-istess minuri hawn anness u mmarkat bhala Dok. AB2 mentri l-istess minuri hija frott tar-relazzjoni li hija kellha u ghad ghandha mal-intimat D F;

Illi fil-fatt dan kollu jirrizulta mit-test tad-DNA hawn anness u mmarkat bhala Dok AB3 redatt minn Dott Marisa Cassar;

Talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara l-minuri I E Bwild naturali ta' D F u dana okkorendo anke permezz tal-hatra ta' periti nominandi;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex min fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri I E Bli jgib in-numru 54/2012 senjatament mill-kolonna li tirraprezenta 'isem u kunjom il-missier', ihassar isem 'C sive D E' u tordna li jigu sostitwiti bl-isem il-missier naturali u cioe' 'D F'; u

3. Tordna u tawtorizza kull modifika ohra mehtiega fic-certifikat tat-twelid tal-minuri I BE u dana fid-dawl tal-ewwel u t-tieni talba u jekk ikun mehtieg f' kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-attrici u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ April 2012 li permezz tieghu innominat lil G sive H Bbhala kuratrici tal-minuri I E B.

Rat in-nota tal-konvenut D Fipprezentata fit-3 ta’ April 2012 li permezz taghha iddikjara li huwa ma jopponiex ghat-talbiet attrici.

Rat in-nota kongunta tal-attrici A Bu tal-konvenut D F ipprezentata fit-3 ta’April 2012 li permezz taghha iddikjaraw li hemm qbil bejniethom li fl-eventwalita’ li t-talbiet attrici jigu akkolti, il-minuri I E Bghandha tassumi l-kunjom tal-missier bijologiku D F.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha iddikjara:-

1. Illi preliminarjament jinghad li, fuq il-mertu b’ mod partikolari dwar il-paternita’ tal-minuri I E B, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta 16 tal-Ligijiet ta’ Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta’ stat tal-minuri I E Bma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha bin-numru ta’ iskrizzjoni 54 tas-sena 2012;

3. Illi dejjem bla hsara ghal dak fuq premess, f’ kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess D F sabiex permezz ta’ nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita’ tieghu, (5) il-post tar-residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta’ missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla I E B. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-fuq riferita I E B;

4. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f' kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, il-minuri I E Btrid taghzel liema kunjom ha zzomm wara l-annotazzjonijiet rispettivi;

5. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunke kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m' ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat l-atti kollha tal-process.

**Ikkonsidrat:-**

Fil-25 ta' Mejju 1996 l-attrici izzewget lill-konvenut C E. L-attrici u l-konvenut E isseparaw in forza ta' kuntratt datat 27 ta' Dicembru 2011 in atti Nutar Dottor Elena Farrugia (fol. 4) u irrivertiet ghal kunjom xbubitha B;

Fl-24 ta' Frar 2012 l-attrici kellha tarbija u fid-9 ta' Marzu 2012 hija ipprezentat l-azzjoni odjerna ghal dikjarazzjoni ta' paternita' wara li stabbilit permezz ta' testijiet genetici u xjentifici li din it-tarbija ma kenitx wild naturali ta' zewgha D E izda wild naturali tal-konvenut D F ( Vide DNA Paternity Test Report datat 5 ta' Marzu 2012 fol. 10).

Jirrizulta ghalhekk li l-kawza giet intavolata fit-terminu legali dettat mill-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16;

Jirrizulta wkoll li l-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-artikolu 77B tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:-

*"It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni ta' paternità kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tiġi*

*eżerċitata mill-mara permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra r-raġel tagħha, il-missier naturali u t-tifel tagħha imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba hija tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qegħda tintalab li tiġi ddikjarata bħala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-missier naturali tat-tifel".*

Una volta l-azzjoni promossa mill-attrici hija intiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta' att tat-twelid, il-Qorti hija fid-dover timxi b'kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta' talba ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' twassal ghall-krejazzjoni ta' qaghda guridika gdida ghall-minuri in sostituzzjoni ta' dik attwali.

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 77B fuq citat tirnexxi jehtieg illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti:-

1. L-azzjoni promossa mill-mara tigi istitwita kontra (a) ir-ragel taghha, (b) il-missier naturali u (c) il-wild taghha.
2. Li l-mara tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi dikjarata bhala l-missier naturali tal-wild.
3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.
4. Il-pussess ta' stat tal-minuri ma jaqbilx mal-att tat-twelid.

Mill-atti jirrizulta li l-erba' rekwiziti huma sodisfatti. Fl-affidavit taghha maghmul fid-29 ta' Marzu 2012 (fol.42) l-attrici tixhed illi f'Jannar tas-sena 2011 hija bdiet relazzjoni mal-konvenut D F li ghadha ghaddejja sallum. F'Mejju tas-sena 2011 hija saret taf li kienet tqila minnu. Il-minuri ilha mit-twelid tghix ma' ommha u ma' D F.

Inoltre l-attrici resqet il-prova genetika u xjentifika permezz ta' "DNA Paternity Test Report" (fol. 10) rilaxxjat minn Dr. Marisa Cassar fil-5 ta' Marzu 2012 li permezz tieghu iccertifikat li l-probabilita' li l-konvenut D F huwa l-missier naturali tal-minuri I E Bhi ta' 99.9999%.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeciedi t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet sollevati billi,

Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri I E Bli twieldet lill-atttrici fl-24 ta' Frar 2012 hija l-wild naturali tal-konvenut D F u mhux tal-konvenut C E.

Tilqa wkoll it-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri I E Bli jgib in-numru 54/2012, (a) fil-kolonna intestata 'isem u kunjom il-missier', jithassar isem "D (C) E" u minflok jitnizzlu l-kliem "D F"; (b) fil-kolonna intestata 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' jigi kancellat il-kunjom "E B" u minflok jitnizzel il-kunjom "F"; (c) fil-kolonni intestati "Id-Dokument ta' l-identita", "Eta'", "Fejn Twieldu u Joqghodu" u "Isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet"jigu kancellati il-kliem li jirreferu ghall-konvenut D E u minflok jitnizzlu id-dettalji riferibbli ghall-konvenut D F skond ma jirrizultaw mill-att tat-twelid tieghu ezebit a fol.13 u mill-atti l-ohra.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------